MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Numru 269/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

**Hussein Abubaker Bashir**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Hussein Abubaker Bashir ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bin Abubaker Bashir u Halima neè Ali, imwieled gewwa s-Sudan fl-1 ta' Jannar 1985 u residenti Tent Centre, Hal Far, limiti taz-Zurrieq, Malta, detentur ta' Karta ta' l-Identità Maltija bin-Numru 50025(A), talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Awwissu 2011 u fil-jiem ta' qabel:

1. Biegh jew xort' ohra ttrafika fil-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(e) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U fl-ahharnett talli b'hekk irrendu ruhu recidiv, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. L. Quintano LL.D., datata 5 ta' Settembru 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li l-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta' l-Avukat Generali mahrug a tenur ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, permess ta' liema ordna li Hussein Abubaker Bashir ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bin Abubaker Bashir u Halima neè Ali, imwieled gewwa s-Sudan fl-1 ta' Jannar 1985, residenti Tent Centre, Hal Far, limiti taz-Zurrieq, Malta, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 50025(A), jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maigstrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u rat li huwa wiegeb li ma huwiex hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Semghet ix-xhieda ta' Jason Savary moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Awwissu 2011, ix-xhieda ta' l-Ispettur Victor Aquilina, PS 891 Oscar Baldacchino u PC 760 Christopher Saliba moghtija waqt is-seduta tat-18 ta'

Awwissu 2011, ix-xhieda ta’ PC 599 Clive Mangion moghtija waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ Settembru 2011, ix-xhieda ta’ l-Espert nominat mill-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud moghtija waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ Ottubru 2011, u x-xhieda in kontro-ezami ta’ PS Oscar Baldacchino u PC 760 Christopher Saliba moghtija waqt is-seduta tat-12 ta’ Jannar 2012;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament fotokopja tal-Karta ta’ l-Identità ta’ l-akkuzat immarkata bhala Dok. “VA2” u l-fedina penali ta’ l-akkuzat immarkata bhala Dok. “VA3” u esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Awwissu 2011, is-somma ta’ hamsa u disghin Euro (€95) u s-somma ta’ tletin Euro (€30) markati bhala Dok. “VA2” u Dok. “VA3” rispettivament, mobile phone u camera elevati minn fuq il-persuna ta’ l-akkuzat markati Dok. “VA5”, l-istqarrija ta’ l-akkuzat markata Dok. “VA6”, is-sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Ali Gadem Abdelrahim et” pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-5 ta’ Settembru 2007 markata Dok. “VA7”, ricevuta mahruga lill-akkuzat minn PC 760 Christopher Saliba markata Dok. “VA8” u lkoll esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tat-18 ta’ Awwissu 2011;

Rat ir-Relazzjoni ta’ l-Espert nominat mill-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud dwar l-analizi li saret fuq is-sustanza li kien hemm gew pakkett tal-plastik esebit mill-Prosekuzzjoni bhala Dok. “VA4” waqt is-seduta tat-18 ta’ Awwisu 2011;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

**Ikkonsidrat:**

Il-Prosekuzzjoni takkuza lil Hussein Abubaker Bashir talli f’dawn il-Gzejjer, fit-3 ta’ Awwissu 2011 u fil-jiem ta’ qabel, biegh jew xort’ ohra ittrafika fil-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(e) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur ta’ l-

Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu, kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni in oltre takkuzah talli rrendu ruhu recidiv fid-dawl ta' setentenza pronuncjata kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Settembru 2007, liema sentenza ghaddiet in gudikat.

L-akkuzat wiegeb li mhux hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u waqt it-trattazzjoni orali ssottometta li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha kontra tieghu peress illi: (i) hemm dubji serji dwar min ghadda l-pakkett bis-sustanza suspettata droga Cannabis lil min, ossia jekk hux Jason Savary lill-akkuzat jew l-akkuzat li Jason Savary; (ii) Jason Savary mhux kredibbli bhala xhud ghaliex xehed kontra l-akkuzat biex jissalvagwardja l-interessi tieghu u johrog *scott free*; (iii) ma giex ippruvat sa' liema stadju wasal ir-reat, u cioè ma giex ippruvat li kien hemm it-trasferiment tad-droga Cannabis minn wiehed ghall-iehor; (iv) il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova sodisfacenti dwar l-aggravju li l-bejgh tad-droga Cannabis sar entro d-distanza prefissa fil-Ligi minn skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh; (v) u fl-aghar ipotesi ghall-akkuzat, jekk jinstab hati tar-reati addebitati lilu kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk jirrizulta skond il-prova prodotta li hu recidiv ai termini tal-Ligi, il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-ammont ta' droga mibjugh kien wiehed zghir hafna.

Il-Prosekuzzjoni da parte taghha tikkontendi li rnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-akkuzat ghaliex oltre x-xhieda ta' Jason Savary, li baqa' konsistenti fil-versjoni tal-fatti moghtija minnu, tressqu bhala xhieda l-Ufficjali tal-Pulizija li arrestaw kemm lil Jason Savary kif ukoll lill-akkuzat, u cioè PS 891 Oscar Baldacchino u PC 760 Christopher Saliba, illi konsistentement xehdu dwar dak li raw, inkluz il-fatt li r-reat tal-bejgh tad-droga sehh ftit metri

boghod mill-Axis disco. In kwantu rigwarda l-akkuza tar-recidiva l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ressqet il-prova necessarja billi pprezentat kopja fotostatika tas-sentenza u saret il-konferma dwar l-identità.

Jason Savary, il-persuna li allegatament xtrat il-Cannabis minghand l-akkuzat u li ghadda proceduri kriminali separati ghar-reat minnu kommess meta akkwista din id-droga, xehed quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Awwissu 2011 u iddikjara li *nhar it-Tlieta filghaxija kont qieghed Paceville u xtrajt il-Marjuana minghand persuna. Ghall-Marjuana li jiena ridt nixtri ridt inhallas €40. Izda hu tani €10 bqija kif ukoll sachet ta' Marjuana. Kif kont hemmhekk staqsejtu minn fejn stajt nixtri rolling paper biex inkun nista' niehu din il-Marjuana. Fil-pront arrestawna l-Pulizija. Qed nigi mistoqsi jekk fl-Awla hux qed naghraf il-persuna minghand min xtrajt il-Marjuana, jiena fil-fatt qed naghrfu u qed nindika lill-Qorti lill-imputat*.

In kontro-ezami Savary kkonferma li akkwista d-droga minghand l-akkuzat wara li dan (ossia l-akkuzat) avvicinah u qallu "Marjuana" u li talbu wkoll minn fejn seta' jakkwista *rolling paper*, izda cahad li già kellu d-droga fil-pussess tieghu u lill-akkuzat semplicement talbu biex jaghtih *rolling paper: qed nigi mistoqsi jekk jiena bhala fatt kellix il-Marjuana già fil-pussess tieghi u mhux xtrajtha minghand l-imputat izda lill-imputat staqsejtu biss biex jaghtini r-rolling paper, jiena nghid li m'huwiex minnu, il-Marjuana xtrajtha minghand l-imputat*. Savary xehed ukoll illi *x'hin gew fuqna l-Pulizija rrid nghid li d-deal kienet lesta ghar-raguni li jiena kelli fil-pussess tieghi l-bqija u l-Marjuana li tani l-imputat.* Mix-xhieda ta' Savary in oltre jirrizulta li huwa akkwista d-droga minghand l-akkuzat minn Paceville, minn go triq vicin ta' *nightclub* ghad illi ma setghax jiftakar l-isem tat-triq.

Il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Savary, li del resto baqa' konsistenti tul l-ezami u kontro-ezami tieghu, giet ikkoroborata miz-zewg ufficjali tal-Pulizija li arrestaw kemm lil Savary kif ukoll lill-akkuzat gewwa Paceville

dakinhar tat-3 ta’ Awwissu 2011, u cioè PS 891 Oscar Baldacchino u PC 760 Christopher Saliba.

Waqt is-seduta tat-18 ta’ Awwissu 2011, PS 891 Oscar Baldacchino xehed quddiem din il-Qorti u ddikjara li *fit-3 ta’ Awwissu ta’ din is-sena waqt li kont duty gewwa Paceville San Giljan, flimkien ma’ PC 760 Chris Saliba, x’ is-siegha u nofs ta’ filghodu gewwa Triq Santu Wistin, innutajna zewg persuni, wiehed minnhom ta’ Nazzjonalità Afrikana, li qed naghraf hawnhekk fl-Awla, jaghmel kuntatt ma’ persuna ohra li irrizulta li kien certu Jason Savary ta’ Nazzjonalità Franciza, fejn Jason ghadda xi flus lill-imputat u nnutajna lill-imputat jghaddilu lura xi flus flimkien ma’ oggett iehor. Dawn gew imwaqqfin immedjatament dak il-hin u f’idejn Jason Savary sibna karta ta’ €10 flimkien ma’ pakkett suspettat li kien Cannabis grass. Dak il-hin x’hin waqqafnihom l-imputat Hussien Abubaker Bashir innutajnieh iwaddab ma’ l-art ammont ta’ flus, li wara rrizultaw li kien €30 f’denominations ta’ €10, tlieta jigifieri.*

PS 891 Oscar Baldacchino in oltre qal li: *irrizulta li dawn il-flus kien ghaddiehom Jason Savary sabiex jixtri d-droga, huwa fil-fatt kien ta’ €40 kollha f’€10 u minnhom zamm €30 u ghaddielu lura t-€10 flimkien mal-pakkett. Huma gew imwaqqfa immedjatament u kienu nghataw it-twissija. Dak il-hin saret tfittxija fuq il-persuna ta’ Hussein Abubaker Bashir minn PC 760. Naf li fuqu kien instab ammont ta’ flus iehor flimkien ma’ camera u mobile phone. Dak il-hin huma gew arrestati u mehuda lejn il-headquarters ghal aktar investigazzjoni.*

In kontro-ezami waqt is-seduta tat-12 ta’ Jannar 2012, PS 891 Oscar Baldacchino rega’ kkonferma dak li kien ra u ghamel fit-3 ta’ Awwissu 2011, u cioè li fi Triq Santu Wistin, Paceville, quddiem l-Axis, hu u PC 760, meta kienu f’distanza ferm qrib ta’ Jason Savary u l-akkuzat, raw lil Jason Savary jghaddi flus lill-akkuzat u lill-akkuzat jghaddi pakkett u flus lura lil dan Savary u hekk kif l-akkuzat ghadda il-pakkett u flus lura lil Savary waqqfuhom u sussegwentement arrestawhom. PS 891 xehed hekk: *Jason ghadda xi flus lill-imputat sabiex jixtri d-droga,*

*Jason ghaddielu €40 kollha f'karti ta' €10 jigifieri qed nghid erba' karti u l-imputat tah €10 lura bhala bqija ghax speci ried ighidlu mhux €40 imma €30 kienet tiswa d-droga. … Ahna waqqafnieh fuq dak il-punt ezattament x'hin l-imputat ghadda id-droga lil Jason Savary, ahna waqqafnielu jdejh ezattament dak il-hin jigifieri istantaneja kienet din, qed naraw il-moviment qed isir dak il-hin, qed naraw id-deal qed isir quddiemna u waqqafniehom just in time. Ovvjament dak il-hin jiena ma stajtx nghid li kien qed jghaddilu droga. Ahna bhala pulizija ssuspettajna li kien qed isir deal ta' droga, f'dak il-mument ma tistax tghid x'kien qed jghaddilu. Pero' dak il-hin li waqqaftu dak il-hin f'idejh sibtlu d-droga, illum nista' nghidlek li kienet droga. Nissuspettaw li kienet droga ghax jiena minix l-ispizjar.*

PC 760 Christopher Saliba, illi wkoll xehed quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-18 ta' Awwissu 2011, iddikjara li *fit-3 ta' Awwissu ta' din is-sena fis-siegha u nofs ta' filghodu waqt li konna qeghdin patrol fi Triq Santu Wistin, San Giljan, Paceville, innutajna zewg persuni, persuna ta' Nazzjonalità Afrikana u persuna ta' Nazzjonalità Franciza. F'dak il-hin stess innutajna li dawk iz-zewg persuni kienu qed jaghmlu kuntatt ma' xulxin fejn il-persuna ta' Nazzjonalità Franciza li rrizulta li kien Jason Savary, kien ghadda xi flus lill-persuna l-ohra ta' Nazzjonalità Afrikana kien ghadda lura xi pakkett u xi flus lura fejn ahna intervjenejna immedjatament. Minn tfittxija li saret fuq iz-zewg persuni, fuq il-persuna ta' Nazzjonalità Franciza sibna karta ta' €10 u anki pakkett bis-suspettata droga Cannabis grass. Fuq il-persuna ta' Hussein Abubaker Bashir sibt flus kontanti li jammontaw ghal €95, mobile ta' l-ghamla Samsung u anke camera. Dawn it-tnejn gew moghtija twissija. L-affarijiet li elevajt fuq il-persuna ta' Hussein Abubaker Bashir hrigt jiena stess ircevuta taghhom. Kif già ghedt l-affarijiet gew elevati u gew mghoddija lill-Ispettur Victor Aquilina. It-tnejn li huma gew arrestati u mehudin id-depot*.

PC 760 ikkonferma li d-dokumenti Dok "VA2", Dok. "VA3" u Dok. "VA4", esebiti mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Victor Aquilina waqt is-seduta tat-18 ta' Awwissu 2011, huma rispettivament: (i) flus kontanti li gew elevati minn

fuq il-persuna ta’ Hussein Abubaker Bashir (Dok. “VA2”), (ii) is-somma ta’ €30 li gew mormija ma’ l-art minn Hussein Abubaker Bashir hekk kif il-Pulizija marru fuqhom (Dok. “VA3”); u (iii) il-pakkett li nstab f’idejn Jason Savary u li ftit tal-hin qabel kien inghatalu minn Hussein Abubaker Bashir (Dok. “VA4”).

Waqt is-seduta tat-12 ta’ Jannar 2012 PC 760 Christopher Saliba in kontro-ezami ikkonferma dak li kien xehed in ezami u cioè li fid-data in kwistjoni meta huwa, flimkien mas-Surgent, kienu madwar hames metri boghod minn Jason Savary u l-akkuzat, raw li *kien hemm zewg persuni ezattament faccata tal-Axis u dak iz-zmien kien ghadu disco illum shopping complex, fejn persuna li wara rrizulta li kienet ta’ nazzjonalita’ Franciza, rajnieh jghaddi xi flus lil Abubaker Bashir u rajna lill-istess Abubaker Bashir jghaddi €10 lura u pakkett zghir, li kien kien jidher ghax kien hemm id-dawl, lil Jason Savary. Eventwalment meta arrestajniehom kienet tidher li hija droga suspettata cannabis grass*. PC 760 Christopher Saliba spiega wkoll li meta ghamel tfittxija fuq il-persuna ta’ l-akkuzat kien sab flus kontanti, mobile phone u camera u ghalkemm fit-tfittxija ma sablux droga fuqu rega’ ikkonferma li ftit tal-hin qabel kien ra lill-akkuzat jghaddi pakkett flimkien ma’ €10 lil Jason Savary, liema pakkett skont hu kien hemm suspettata Cannabis grass, u meta hu u s-Surgent resqu lejn Savary u l-akkuzat, ra lill-akkuzat jwaddab €30 ma’ l-art.

Mir-Relazzjoni ta’ l-Espert nominat mill-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud, liema Relazzjoni giet ipprezentata u kkonfermata bil-gurament fit-12 ta’ Ottubru 2011, jirrizulta li s-sustanza li kien hemm fil-pakkett li skond Jason Savary, PS 891 Oscar Baldacchino u PC Christopher Saliba, l-akkuzat ghadda lill-istess Savary flimkien ma’ €10, wara li dan tah €40, kienet Cannabis. L-Espert in effetti ikkonkluda li *s-speci ta’ haxix ta’ lewn ahdar u kannella imfarrak li kien hemm fid-dokument 174/11/01, f’ammont nett totali ta’ 0.63 grammi, instab li kien weraq u partijiet tal-pjanta tal-cannabis. F’dan is-speci ta’ haxix imfarrak instabet fih is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC), sustanza li tinsab fil-pjanta tal-cannabis. Il-purità*

*ta' dan is-speci ta' haxix imfarrak ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) kienet ta' cirka 4.2%. Il-pjanta tal-Cannabis hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta*.

Meta xehed quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru 2011, l-Ispizjar Mario Mifsud in kontro-ezami spiega li *mill-ammont ta' Cannabis li nstabet johorgu madwar zewg joints*.

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti, kuntrarjament ghal dak pretiz mill-akkuzat, jirrizulta 'l hinn minn kull ragonevoli dubju li fit-3 ta' Awwissu 2011, gewwa Paceville, senjatament fi Triq Santu Wistin, quddiem l-Axis, dak iz-zmien *disco*, l-akkuzat kellu fil-pussess tieghu d-droga Cannabbis u biegh din l-istess droga Cannabis lil Jason Savary.

Il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Jason Savary hija kredibbli u ma huwiex minnu li xehed kontra l-akkuzat biex johrog *scott free*. In effetti l-Ufficjali tal-Pulizija PS 891 Oscar Baldacchino u PC 760 Christopher Saliba, li kien ftit metri boghod minn Savary u l-akkuzat meta kienet qed issehh id-*deal*, entrambe kkonfermaw li kien l-akkuzat li biegh id-droga Cannabis lil Savary u mhux vice versa. Kuntrarjament ghal dak pretiz mill-akkuzat ir-reat ta' bejgh ta' droga Cannabis gie kkunsmat ghaliex l-imsemmija zewg Ufficjali tal-Pulizija entrambe kkonfermaw li raw id-*deal* issehh u intervjenew hekk kif din id-*deal* bejn l-akkuzat u Savary giet konkluza bl-akkuzatt jghaddi l-pakkett kontenti d-droga flimkien ma' €10 wara li Savary kien ghaddielu €40. Dwar l-aggravju tal-lok fejn sehh ir-reat, il-Qorti tqis li saret prova sodisfacenti dwar l-istess ghaliex apparte l-fatt li Savary qal li huwa akkwista d-droga Cannabis minghand l-akkuzat minn triq gewwa Paceville vicin ta' *club*, PS 891 Oscar Baldacchino u PC 760 Christopher Saliba entrambe kkonfermaw li raw id-*deal* issehh ftit metri boghod mill-istabiliment Axis li dak iz-zmien kien ghadu *disco*, kwindi altru milli l-Prosekuzzjoni tippretendi li tinsab ezentata milli tipprova l-aggravju dedott kontra l-akkuzat. In fine l-fatt li l-akkuzat biegh lil Jason Savary id-droga Cannabis gie sodisfacentement

ippruvat bir-Relazzjoni esebita mill-Espert nominat mill-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud.

Fid-dawl tal-provi prodotti ghalhekk, l-akkuzat ghandu jinstab hati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Prosekuzzjoni takkuza lill-akkuzat (ir-raba' akkuza) talli rrendu ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. L. Quintano, LL.D., datata 5 ta' Settembru 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Waqt is-seduta tat-18 ta' Awwissu 2011, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Victor Aquilina pprezenta vera fotokopja ta' sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) v. Ali Gadem Abdelrahim u Abubaker Bashir Hussein" bis-sahha ta' liema Abubaker Bashir Hussein instab hati talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Lulju 2007 u fiz-zmien ta' qabel biegh jew xort' ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(b) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta u talli fit-13 ta' Lulju 2007 kellu, flimkien ma' l-akkuzat l-iehor f'dawk il-proceduri, fil-pussess tieghu r-raza mehdua mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom, u gie *inter alia* kkundannat ghal *tnax-il xahar prigunerija u biex ihallas multa ta' tliet mitt lira Maltija (Lm300) liema multa tista' tithallas b'rati ta' Lm30 (tletin lira Maltija) fix-xahar u bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat mill-lum. Fin-nuqqas ta' xi hlas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull Lm5 mhux imhallsin*.

Apparte li pprezenta vera kopja fotostatika ta' l-imsemmija sentenza, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Victor Aquilina

ghamel ukoll il-prova ta' l-identità, u cioè li dik is-sentenza tirreferi ghall-akkuzat f'dawn il-proceduri. In effetti waqt l-istess seduta tat-18 ta' Awwissu 2011, l-Ispettur Victor Aquilina xehed illi ghalkemm fis-sentenza esebita jidher isem l-Ispettur Norbert Ciappara, *jiena nista' nikkonferma li jiena kont l-Ufficjali Prosekutur f'din il-kawza kif ukoll dak investigattiv u din is-sentenza nghatat kontra zewg persuni, fosthom Abubaker Bashir Hussein li qed nara fl-Awla bhala l-imputat*.

Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta li gie ppruvat 'l hinn minn kull dubju ragonevoli li l-akkuzat irrenda ruhu recediv ai termini tal-Ligi, u ghaldaqstant ghandu jinstab hati wkoll tar-raba' akkuza migjuba kontrih.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet ghalhekk, il-Qorti qed issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi: (i) in-natura serja tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-akkuzat; (ii) l-assorbiment tat-tieni akkuza fl-ewwel akkuza; (iii) il-fatt li huwa kellu fil-pussess tieghu u biegh id-droga Cannabis gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' club fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh; (iv) il-fatt li huwa rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Ligi; izda dan kollu fid-dawl li l-kwantità ta' droga mibjugha mill-akkuzat lil Jason Savary ma kienx daqshekk eccessiv, ossia 0.63 grammi u cioè bizzejjed ghal zewg *joints*.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 8(e) u (d), 22(1)(a) u (2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 31, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija **u** ghall-hlas ta' multa ta' elf mija u sebghin Euro (€1,170). Il-Qorti in oltre, a tenur ta' l-Artikolu 22(b) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-somma ta' tletin Euro (€30) rapprezentanti il-hlas li l-akkuzat ircieva ghad-droga mibjugha u l-mobile phone li gew elevati minnu fuq il-persuna tieghu dakinhar tat-3 ta'

Awwissu 2011, kif ukoll d-droga Cannabis li giet mibjugha mill-akkuzat li Jason Savary jigu konfiskati favur il-Gvern **u** l-istess droga tigi distrutta taht il-harsien tar-Registratur.

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li oltre ghall-piena imposta ghar-reati li taghhom qed jinstab hati, l-akkuzat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri u dan ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz in ezami gie nominat l-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jezamina s-sustanza fil-pakkett ezebit bhala Dok. "VA4" u l-ispejjez relattivi ghal din il-hatra jammontaw ghal tlett mija tnejn u disghin Euro u disgha u sittin centezmu (€392.69) u ghaldaqstant l-akkuzat qed jigi kkundannat ihallas l-imsemmi ammont ta' €392.69 ai termini ta' dak provdut fl-imsemmi Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------